MALTA

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2018**

**Talba Numru: 268/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 25.**

**GO plc (C-22334)**

**GO, Triq Fra Diegu,**

**Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Sandra Attard ( K.I. 456876M)**

**Magnolias, Triq is-Slielem,**

**Swieqi**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Gunju, 2018 li permezz tieghu talbet li l-kovenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u tletin ewro u sitt centezmi (€2,030.06c) dovuta kwantu ghal erba' mija u tnejn u tletin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€432.78c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40310235 u elf hames mija u sebgha u disghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu

(€1,597.28c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40318755. Li s-servizzi migbura fil-kont bin-numru 40318755 gew ikkuntrattati mas-socjeta' Mobisle Communications Ltd li b'effett mid-19 ta' Dicembru, 2015 giet amalgamata fis-socjeta' GO p.l.c.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u tletin ewro u sitt centezmu (€2,030.06c) bl-imghax legali mid-data tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**